**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 458/10VG**

**Shield Security Consultants Limited**

**Vs**

**Martin Zerafa f'ismu personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Datanet Security Systems Limited**

**Illum 7 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mis-soċjetà Shield Security Consultants Limited fid-29 ta' Ottubru 2010 permezz ta' liema titlob li, prevja kull dikjarazzjoni opportuna, Martin Zerafa f'ismu personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Datanet Security Systems Limited, jew min minnhom, jiġi kkundannat sabiex fi żmien qasir u perentorju prefiss mill-Qorti jħallasha s-somma ta' ħamest elef mija u tmienja u sittin Euro (€5,168) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar bħala prezz ta' kiri ta' *scanners*, bl-imgħax dekoribbli mid-data tal-fattura, annessa mar-Rikors promotur bhala Dok. "A", sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment mir-Rikors promotur, kontra Martin Zerafa f'ismu personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Datanet Security Systems Limited, jew min minnhom;

Rat il-fattura datata 5 ta' Marzu 2008 annessa mar-Rikors promotur markata Dok. "A" a fol. 2 tal-proċess;

Rat ir-Risposta tal-konvenut proprio et nomine permezz ta' liema jeċċepixxi li: (i) il-konvenut f'ismu personali ma għandu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi; u (ii) it-talba tas-soċjetà attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda bilanċ jew ammont ma huwa dovut peress illi hija ħallset l-ammont kollu miftiehem bejn il-partijiet fit-12 ta' Mejju 2008 u għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi fil-konfront tagħha għandhom ukoll jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi;

Semgħet ix-xhieda ta' Martin Zerafa mogħtija waqt is-seduti tat-13 ta' Ottubru 2011[1] u tat-13 ta' Frar 2012[2] u rat l-affidavit ta' Ivan Sciberras esebit mis-soċjetà konvenuta premezz ta' Nota ppreżentata fid-19 ta' Frar 2013 a fol. 32 u 33 tal-proċess, rat l-affidavit ta' John Schembri, direttur tas-soċjetà attriċi, u d-dokumenti annessi miegħu esebiti mis-soċjetà attriċi permezz ta' Nota ppreżentata fis-6 ta' Ottubru 2014 a fol. 43 sa' 53 tal-process u, semgħet ix-xhieda ta' John Schembri mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2014[3];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà attriċi titlob li l-konvenut f'ismu personali w in rappreżentanza tas-soċjetà Datanet Security Systems Limited, jew min minnhom, jiġu kkundannati jħallsuha s-somma ta' €5,168, rappreżentanti bilanċ minn somma akbar bħala prezz ta' kiri ta' *scanners*. Il-konvenut proprio et nomine jilqa' għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) il-konvenut f'ismu personali ma għandu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; u (ii) it-talba tas-soċjetà attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda bilanċ jew ammont ma huwa dovut peress illi hija ħallset l-ammont kollu miftiehem bejn il-partijiet fit-12 ta' Mejju 2008 u għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi fil-konfront tagħha għandhom ukoll jiġu miċħuda.

Mill-provi prodotti jirriżulta bħala fatt inkontestat li f'Marzu 2008, senjatament bejn is-6 ta' Marzu 2008 u s-17 ta' Marzu 2008, is-soċjetà attriċi pprovdiet għall-użu waqt l-elezzjoni ġenerali fl-Electoral Counting Hall ġewwa n-Naxxar, żewġ *security scanners*. Għalkemm is-soċjetà attriċi istitwiet il-proċeduri odjerni fil-konfront tal-konvenut Martin Zerafa kemm f'ismu personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Datanet Security Systems Limited, mix-xhieda ta' John Schembri, direttur tas-soċjetà attriċi, u mid-dokumenti annessi ma' l-affidavit tiegħu[4], jirriżulta b'mod ċar li l-imsemmija żewġ *security scanners* ġew mikrija lis-soċjetà konvenuta u mhux lill-konvenut f'ismu personali.

In effetti fl-affidavit[5] tiegħu John Schembri jiddikjara li: *in the last week of February 2008 we were approached by Mr. John Muscat, Director of Khiron Security Ltd., a personal friend of the undersigned and a business and professional acquaintance. Mr. Muscat enquired whether we would be interested in providing a hire service of security scanners for the upcoming general elections. We confirmed our interest. Mr. Muscat proceeded to put us in contact with Mr. Zerafa of Datanet Security Systmes Ltd. I personally spoke with Mr. Zerafa on the*

[1] Fol. 20 sa' 22 tal-proċess.
[2] Fol. 26 tal-proċess.
[3] Fol. 55 sa' 57 tal-proċess.
[4] Fol. 48 sa' 51 tal-proċess.
[5] Fol. 45 u 46 tal-proċess.

*phone and outlined our proposal. His instructions to me were to proceed with the deal as agreed on the phone and to book the scanners for the week of the elections.* ***I then gave verbal instructions to Mr. Paul Chetcuti to obtain the VAT Number of Datanet Security Systems Ltd., which he duly did. I instructed our accountant to raise an invoice for the hire service, which was duly raised on the 5 March 2008 in accordance with the agreed Terms and Conditions[6].*** *On 6 March 2008, the items were duly delivered to the Electoral Counting Hall in Naxxar by Paul Chetcuti, a Shield employee. Mr. Chetcuti returned to the office and reported that he had delivered the materials but the* **Datanet employee**[7] *had not signed the Consignment Note since Mr. Zerafa was unavailable at the Hall at the time. Having known Mr. Zerafa as a business acquaintance at the time, I exercised trust and did not push the matter further because I had no inkling that he would not honour our business agreement.* ***Some time after the 17 March 2008, Mr. Chetcuti picked up the scanners and returned them to the office. We duly proceeded to attempt to collect our debt from Datanet Security Systems Ltd., with no success[8].*** *When I did manage to speak to Mr. Zerafa - as I recall it was only one occasion over the phone - he stated to me that he was contesting the amount charged as it was not as per our agreement. One should note that the both sets of scanners were deployed and utilised at the Electoral Counting Hall, as per our agreement, which Shield duly provided and honoured.* In kontro-eżami[9] mistoqsi: *l-iscanners lil min ġew mikrija, ma setgħux jiġu mikrija lil zewġ persuni, jiġifieri lil min ġgew mikrija?* John Schembri wieġeb ***lill-kumpannija ta' Mr. Zerafa[10]***.

Fid-dawl ta' dak dikjarat minn John Schembri għalhekk jirriżulta b'mod ċar li kwalunkwe relazzjoni ġuridika li setgħet inħolqot vis-à-vis il-kiri ta' dawn iż-żewġ *security scanners* kien bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta, rappreżentata minn Martin Zerafa, u mhux bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut f'ismu personali. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi l-konvenut imħarrek f'ismu personali evidentement ma huwiex il-leġittimu kontradittur tas-soċjetà attriċi u konsegwentement għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

In kwantu rigwarda t-talba attriċi kif diretta fil-konfront tas-soċjetà konvenuta jiġi ribadit li ma hemmx kontestazzjoni li s-soċjetà attriċi kriet lis-soċjetà konvenuta żewġ *security scanners* bejn is-6 ta' Marzu 2008 u s-17 ta' Marzu 2008. Il-kontestazzjoni hija fir-rigward tar-rata li biha dawn iż-żewġ *security scanners* ġew mikrija; is-soċjetà attriċi tikkontendi li l-ftehim kien li dawn iż-żewġ *security scanners* jinkrew bir-rata ta' €760 kuljum, ossia bir-rata ta' €380 kuljum għal kull *security scanner*[11], filwaqt li s-soċjetà konvenuta tikkontendi li l-ftehim kien li ż-żewġ *security scanners* flimkien jinkrew bir-rata ta' €380 kuljum għall-valur komplessiv ta' €3,800 għal għaxart ijiem, liema ammont ġià tħallas lis-soċjetà attriċi f'Mejju tas-sena 2008[12].

---

[6] Enfasi tal-Qorti.
[7] Enfasi tal-Qorti.
[8] Enfasi tal-Qorti.
[9] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2014, fol. 55 sa' 57 tal-proċess.
[10] Enfasi tal-Qorti.
[11] Vide affidavit ta' John Schembri u dokumenti annessi a fol. 45 sa' 53 tal-proċess.
[12] Vide xhieda mogħtija minn Martin Zerafa waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011 a fol. 20 sa' 22 tal-proċess.

Għalkemm is-soċjetà konvenuta laqgħet għat-talba attriċi bl-eċċezzjoni tal-pagament, is-soċjetà attriċi xorta waħda għandha tipprova b'mod sodisfaċenti l-kreditu tagħha fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, partikolarment fid-dawl tal-fatt li irriżulta bħala fatt ippruvat u kkonfermat li s-soċjetà konvenuta hallset lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,800, li skontha huwa l-ammont minnha dovut lis-soċjetà attriċi ghall-kiri taż-żewġ *security scanners* in kwistjoni. Fir-rigward tal-hlas John Schembri mistoqsi: *l-invoice tiegħek li ppreżentajt ma' l-affidavit tiegħek huwa ta' €8,968. Taf għalfejn l-invoice nħareġ għal €8,968 u l-kawża saret għal €5,000?* wieġeb *minħabba li, dak jikkonferma li kien sar pagament u saret il-kawża għall-ammont dovut, kif għedtlek l-ewwel jien bniedem sinċier u għedtlek l-affarijiet kif nafhom*[13].

L-osservazzjoni li nonostante l-eċċezzjoni tal-pagament sollevata mis-soċjetà konvenuta, is-soċjetà attriċi xorta għandha l-oneru li tipprova l-kreditu - f'dan il-każ bilanċjali - tagħha fil-konfront tas-soċjetà konvenuta ssib konferma f'dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenża fl-ismijiet **Miller Distributors Limited v. Multi Toys Limited, Appell Civili Nru. 1539/99** deċiża fis-16 ta' Diċembru 2002, u cioè: *intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet "Manuel Zerafa v. Nazzareno Muscat Scerri" Prim' Awla, Qorti Ċivili, per Imħallef Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970 illi "bħala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti ċivili, il-Qorti tirritjeni li, għalkemm kif dejjem ġie ritenut, il-konvenut allegat debitur għandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju raġjonevoli jekk l-ammont għadux dovut jew le dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa' l-aħħar tal-kawża għax hu jallega d-debitu u kulħadd għandu jipprova l-allegazzjoni tiegħu. U fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioè l-attur esiġibilità u il-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizija ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju 'actore non probante reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tiegħu fuq il-prinċipju l-ieħor 'reus in excipiendo fit actor' għax, jerġa' jingħad, l-oneru ċentrali ta' l-akkuza tibqa' fuqu. Altrimenti f'kull każ ta' konflitt ikun faċli għall-attur jirbaħ avolja l-Qorti tibqa' sospiża fi stat ta' dubju jekk hemmx debitur." It-tagħlim f'din is-sentenża juri li l-oneru tal-prova hu mixħut fuq il-kreditur f'dawk il-każijiet biss fejn jiġi muri li l-prova tal-pagament tkun sodisfatta lil hinn mid-dubju raġjonevoli. Tali prova mhux necessarjament tirrikjedi dejjem u bilfors il-prova tar-riċevuta. Dan għaliex mhux eskluż li l-prova ta' ħlas issir mod ieħor (Joe Chetcuti et v. Joseph Pearson et noe" Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Dejjem però jinkombi fuq min jallega l-eżistenza tal-kreditu illi dan ikun fl-ewwel lok ipprovat a pjena sodisfazzjoni u b'mod univoku u konvinċenti.*

Mill-provi prodotti tul is-smigħ tal-proċeduri jirriżulta li t-termini u l-kondizzjonijiet għall-kiri taż-żewġ *security scanners* in kwistjoni ġew diskussi verbalment bejn John Schembri ghas-soċjetà attriċi u Martin Zerafa ghas-soċjetà konvenuta. Dwar il-mertu ta' dawn id-diskussjonijiet però ma hemmx qbil bejn il-

[13] Xhieda in kontro-ezami ta' John Schembri mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2014, fol. 55 sa' 57 tal-proċess.

partijiet kontendenti għaliex filwaqt li John Schembri jikkontendi li l-ftehim kien li, fost affarijiet oħra, l-i*scanners* kienu se jiġu mikrija bir-rata ta' **€380 kuljum il-waħda**, Martin Zerafa jikkontendi li l-ftehim kien li l-i*scanners* kienu se jiġu mikrija bir-rata ta' **€380 kuljum flimkien**. Is-soċjetà attriċi tissosstanzja l-pretensjoni tagħha fil-konfront tas-soċjetà konvenuta u dak affermat minn John Schembri dwar ir-rata miftehma għall-kiri taż-żewġ *security scanners* fuq il-*Conditions for Temporary Loan by Hire* annessi man-*Notice of Consignment on Temporary Loan by Hire Basis* datata 6 ta' Marzu 2008, esebiti a fol. 50 u 51 tal-process, li skontha appuntu jirrispekkjaw dak diskuss verbalment bejn John Schembri u Martin Zerafa. Fir-rigward John Schembri jiddikjara li wara li ddiskuta in-negozju in kwistjoni ma' Martin Zerafa *I then gave verbal instructions to Mr. Paul Chetcuti to obtain the VAT Number of Datanet Security Systems Ltd., which he duly did. I instructed our accountant to raise an invoice for the hire service, which was duly raised on the 5 March 2008 [Ref: Exhibit 1], in accordance with the agreed Terms and Conditions [Ref: Exhibit 3]*[14].

Nonostante dak affermat u konsegwentement pretiż mis-soċjetà attriċi però, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li l-prova ċentrali fuq liema tibbaża l-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, u cioè il-*Conditions for Temporary Loan by Hire* annessi man-*Notice of Consignment on Temporary Loan by Hire Basis*, baqgħu qatt ma ġew iffirmati minn Martin Zerafa għan-nom tas-soċjetà konvenuta. Għalkemm is-soċjetà attriċi tipprova timminimizza l-effett tan-nuqqas tal-firma ta' Martin Zerafa fuq dawn il-*Conditions for Temporary Loan by Hire* billi, tramite x-xhud John Schembri, tgħid li *on 6 March 2008, the items were duly delivered to the Electoral Counting Hall in Naxxar by Paul Chetcuti, a Shield employee. Mr. Chetcuti returned to the office and reported that he had delivered the materials but the Datanet employee had not signed the Consignment Note since Mr. Zerafa was unavailable at the Hall at the time. Having known Mr. Zerafa as a business acquaintance at the time, I exercised trust and did not push the matter further because I had no inkling that he would not honour our business agreement*, affermazzjoni din kuntrastata minn Martin Zerafa li invece fix-xhieda tiegħu qal li huwa ma ffirmax il-*Conditions of Temporary Hire* għaliex ma kienux jirriflettu r-rata miftehma u li *l-kuntratti li bagħtu s-soċjetà attriċi kont irritornajthom lura tramite l-impjegat tiegħi*, jibqa' l-fatt li n-nuqqas tal-firma ta' Martin Zerafa serjament jimpinġi fuq il-validità tal-pretensjoni attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta.

Din l-osservazzjoni hija bbażata fuq il-prinċipju ġuridiku li *jekk skrittura privata ma tiġix iffirmata minn idejn kull wieħed mill-partijiet jew ma tirriżultax l-awtentikazzjoni ta' xi firem kif trid il-liġi din ma għandha l-ebda validità legali … Skond Laurent (Principi di Diritto Civile, Vol. XIX p196) "l'atto é uno scritto redatto per constatare un fatto giuridico; ora è la sottoscrizione che certifica ciò che le parti constatano; non vi è dunque atto senza firma". Dan il-prinċipju hu konkordanti fil-ġurisprudenza tagħna li rriteniet li l-iskrittura għandha tkun iffirmata miż-żewġ partijiet jew awtentikata kif trid il-liġi għax diversament ikun hemm in-nullità tal-konvenzjoni (Vok. XXXII PI p92). Dan fuq affermat ma*

[14] Affidavit ta' John Schembri u dokumenti annessi a fol. 45 sa' 53 tal-proċess.

*għandux ifisser illi għalkemm mhux vinkolatni l-kontenut ta' l-iskrittura mhux kapaċi li jirċievi attenzjoni xierqa ghall-anqas biex isostni, anke jekk marginalment, il-prova tan-negozjati jew trattativi bejn il-kontraenti, purchè dejjem li din l-istess prova tkun per se, u anke mingħajr is-sostenn ta' l-iskrittura, waħda konvinċenti u konklussiva*[15].

Il-Qorti hawn mhux qed tgħid li l-kiri taż-żewġ *security scanners* mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta kien null in kwantu ai termini ta' l-Artikolu 1525 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli fiż-żmien rilevanti għal dawn il-proċeduri, *il-kuntratt ta' kiri, sew ta' ħaġa kemm ta' xogħol, jista' jsir sew b'kitba kemm bil-fomm*, iżda tqis u tikkonsidra li l-*Conditions for Temporary Loan by Hire* ma għandhom l-ebda valur probatorju u b'hekk ma jistgħux jissosstanzjaw il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta.

Kif ġià iktar 'l fuq osservat, it-termini u kondizzjonijiet tal-kiri taż-żewġ *security scanners* mertu tal-proċeduri odjerni ġew diskussi verbalment bejn John Schembri u Martin Zerafa, li però jagħtu verżjonijiet opposti dwar dak miftiehem bejniethom fir-rigward tar-rata stabbilita għal tali kiri. Is-soċjetà attriċi tittenta tissosstanzja l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn John Schembri bil-*Conditions for Temporary Loan by Hire* li fil-kondizzjoni Nru.2 jipprovdu li *payment rate for all above equipment - Euros 760 per day, excluding VAT*, iżda peress illi dawn il-*Conditions for Temporary Loan by Hire* ma humiex iffirmati mir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi **u wkoll** mir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, ma jistax jitqies li l-istess jorbtu liż-żewġ partijiet kontraenti u lanqas jista' jitqies li effettivament jirrispekkjaw it-termini u l-kondizzjonijiet - inkluz ir-rata għall-kiri taż-żewġ *security scanners* - kif miftehma verbalment bejn John Schembri u Martin Zerafa.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk is-soċjetà attriċi ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfaċenti l-pretensjoni tagħha li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tagħha fl-ammont ta' €5,168, li huwa l-bilanċ skontha (is-soċjet attriċi) dovut ghall-kiri ta' l-imsemmija żewġ *security scanners,* u għaldaqstant it-talba tagħha kif diretta fil-konfront tas-soċjetà konvenuta għandha tiġi miċħuda.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut f'ismu personali u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Datanet Security Systems Limited u filwaqt li tiddikjara li l-konvenut Martin Zerafa f'ismu personali ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-soċjetà attriċi u b'hekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad it-talba attriċi kif dedotta fil-konfront tas-soċjetà konvenuta.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mis-soċjetà attriċi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[15] Lilian Spiteri noe v. Anthony Sammut, Ċitaz. Nru. 856/92 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Lulju 2003.